## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 57/2020: **SANDY YACHT MARINA LIMITED (C53625) V. BASTIMENT M/Y LEYMOR (NRU. 17186)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Novembru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Sandy Yacht Marina Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fit-13 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu il-kumpanija rikorrenti talbet lill-Bastiment M/Y Leymore ("l-intimat" jew "il-bastiment intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ:

u tgħid il-għaliex m'għandekx tkun kkundannat tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800) rappreżentanti bilanċ dovut għal servizzi ta' salvataġġ tal-bastiment M/Y Leymor u spejjeż oħra inkorsi mis-soċjeta' rikorrenti in konessjoni ma' din l-operazzjoni ta' salvataġġ ai termini tal-fattura datata disgħa u għoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) (hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi dan il-bastiment M/Y Leymor huwa reġistrat taħt il-bandieta marittima Maltija li għandu n-numru uffiċjali tar-reġistrazzjoni 17186;

Illi dawn is-servizzi pprovduti lill-bastiment M/Y Leymor jaqgħu taħt l-Artikolu 742B(j) u (k)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privileġġ speċjali ai termini tal-artikolu 50 (d) tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Fol 1-4

Illi minkejja l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rappreżentanti tiegħu sabiex jersqu għal ħlas ta' din il-fattura, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu 2019 bin-numru 804/2019, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok B, huma baqgħu inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum dan l-ammont għadu ma ġiex rimborżat lis-soċjeta' rikorrenti. Għaldaqstant l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ħdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800);

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-bastiment intimat[2] ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha laqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi eċċepixxa kif ġej:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, qieghed jigi rilevat mis-socjeta esponenti illi huma qatt ma gew innotifkati bir-rikors promotur u l-avviz tas-smiegh f'dawn il-proceduri, dan ghaliex il-firma fuq il-"*pink card*" mhijiex ta' d-direttrici Vivienne Whitehead kif indikat, u kien stante li rcevew digriet sussegwenti illi huma qeghdin issa jintavolaw r-risposta taghhom fit-terminu prefiss lilhom;

2. Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi s-socjeta esponenti hija l-propjetarja tal-bastiment intimat M/Y Leymor, liema bastiment safa dannegjat minn Marine Services Limited (C9181) u Luke Joseph Mifsud (261891M) u dan waqt ingagg ta' *service* annwali li kien qed isir lill-bastiment *de quo;*

3. Illi preliminarjament ukoll jigi rilevat mis-socjeta esponenti illi kawza ta' dawn id-danni estensivi sofferti mis-socjeta esponenti, gew inizjati proceduri gudizzjarji ohra quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili bl-ismijiet Barra Scuba Limited vs. Marine Services Limited et bin-numru 613/2019 illi ghadhom qed jinstemghu;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, qed jigi eccepit mis-socjeta esponenti illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-salvatagg li sehh fuq il-bastiment intimat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), fil-maggior parti tieghu, sar minn rapprezentanti u *staff* tas-socjeta esponenti, u ghalhekk tali fattura mahruga mill-istess socjeta attrici (Dok A in atti) ma tista qatt taghmel sens, u konsegwentament qed tigi ampjament kontestata;

6. Illi, ghalhekk, l-ammont rilevat mis-socjeta attrici huwa inveritier, illecitu u dizonest ghall-ahhar u dan kif ser jigi indikat matul il-procedument ta' din il-kawza;

7. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi dan l-ammont ilu snin jigi kontestat, u dan min mindu gie ipprezentat lis-socjeta esponenti l-ewwel darba fis-sena elfejn u tmintax (2018), hekk kif sussegwentament l-istess socjeta esponenti irrispondiet ghall-ittra ufficjali

[2] Fol 12-13

bin-numru 804/2019 permezz ta' ittra risponsiva li tinsab fl-atti tagħha stess intavolata fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019)(hawn annessa u mmarkata Dok BS1);

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Bl-ispejjez u interess legali kollha kontra s-socjet attrici, li hu minn issa ingunta in subizzjoni.

wara li rat li d-digriet kamerali tagħha tal-1 ta' Settembru 2023 li permezz tiegħu *inter alia* l-Qorti wara li ssollevat *ex-officio* l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tagħha li tiddeċiedi t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti, tat il-fakolta' lill-partijiet ai termini tal-Art. 732A sabiex jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar din l-eċċezzjoni fis-seduta li jmiss, ċioe dik tad-9 ta' Ottubru 2023,

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023 għar-raġunijiet msemmija fil-verbal il-Qorti ħalliet il-kawża għall-istess skop għat-23 ta' Ottubru 2023,

wara li rat li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi x'iressqu dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-Qorti u trattaw fuqha,

wara li rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din il-kwistjoni,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ai termini tal-Art. 343(1) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili):

> **'343.(1) Meta xi bastiment, malti jew barrani, ikun innawfraga, inkalja jew f'periklu f'xi post fuq jew ħdejn ix-xtajtiet fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta u jingħataw servizzi minn xi persuna f'għajnuna lil dak il-bastiment jew fis-salvataġġ tal-merkanzija jew tal-apparat ta' dak il-bastiment jew xi parti minnhom, jew meta jingħataw xi servizzi minn xi persuna barra mir-receiver of wreck fis-salvataġġ ta' xi fdal ta' bastiment nawfragat, għandu jitħallas lil min jagħmel is-salvataġġ mis-sid tal-bastiment, tal-merkanzija, tal-apparat, jew tan-nawfraġju, ammont xieraq ta' salvataġġ skont l-ammont tal-proprjetà salvata.'**

2. L-Art. 340 tal-istess Kap. 234 jipprovdi ukoll illi:

> **'"salvataġġ" tinkludi l-ispejjeż kollha li jsiru kif imiss minn min jagħti servizzi ta' salvataġġ fl-għoti ta' dawk is-servizzi.'**

3. L-Art. 345(1) imbagħad jipprovdi illi:

> **'345.(1) L-ammont u t-tqassim ta' salvataġġ, kemm ta' ħajja jew ta' proprjetà, kif ukoll kull kwistjoni dwar jekk is-servizzi ngħatawx fil-limiti tal-ġurisdizzjoni maltija jew barra,**

> **għandhom, jekk ma jinqatgħux bi ftehim, arbitraġġ jew xort'oħra, jiġu deċiżi mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla ...'**

4. Issa mir-rikors promotur jirriżulta illi dak li qed titlob l-kumpanija rikorrenti mill-bastiment intimat huwa l-ħlas:
   1. *Għal servizzi ta' salvataġġ tal-istess bastiment, u*
   2. *Spejjeż oħra inkorsi mir-rikorrenti*

   lkoll konnessjoni ma' *operazzjoni ta' salvataġġ* u dan skond il-fattura tad-29 ta' April 2018.

5. Fir-rikors jingħad ukoll mir-rikorrenti illi s-servizzi li ġew provduti lill-bastiment intimat jaqgħu taħt l-Art. 742B(j) u (k)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn jiddisponu kif ġej:

> **'742B. Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:**
>
> **...**
>
> **(j) kull pretensjoni ta' natura ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ jew xi ftehim ta' salvataġġ inkluż, jekk ikun applikabbli, l-kumpens speċjali li għandu x'jaqsam**
> **ma' operazzjonijiet ta' salvataġġ rigward vapur li bih innifsu jew bil-merkanzija tiegħu hedded li jagħmel ħsara lill-ambjent;**
> **(k) kull pretensjoni dwar –**
>
> **...**
>
> **(ii) miżuri li jittieħdu biex jipprevjenu, inaqqsu jew ineħħu dik il-ħsara; u għall-kumpens għal dik il-ħsara'**

6. Il-fattura tad-29 ta' April 2018 rilaxxjata mir-rikorrenti [3] tindika li l-ammont ta' € 11,800 huwa dovut għal:

   1. *Salvage of motor yacht Leymor*
   2. *4 persons, 4 hours*
   3. *6 air cylinders*
   4. *10 packs for absorbents pollution barriers*

---

[3] Fol 2

5. *1 diver*

7. Fl-affidavit maħluf tiegħu[4] **Mark Darmanin Kissaun**, direttur tar-rikorrenti, stqarr illi:

> *"Illi nhar is-27 ta' April 2018, jien gejt infurmat minn Giti Adibi illi hija flimkien mad-diver Ivan Bartolo, berthing Master George Gauci u John Pretty, lkoll impjegati tas-socjeta' Sandy Yacht Marina Limited (C-53625) assistew f'operazzjoni ta' salvatagg gewwa Roland Marina, Ta' Xbiex favur il-bastiment M/Y LEYMOR. Dan hekk kif dan il-bastiment M/Y LEYMOR, rregistrat taht il-bandiera marittima Maltija bin-numru ufficjali ta' registrazzjoni 17186, kien qieghed jeghreq filwaqt li kien rmiggat gewwa Roland Marina, Ta' Xbiex. Illi hekk kif din l-operazzjoni ta' salvatagg immexxiha mill-erba' (4) impjegati izjed 'il fuq msemmija, kienet wahda ta' success, Ms Giti Abidi bhala l-Marina Manager harget fattura datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A) ghall-ammont ta' hdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800) fil-konfront tal-bastiment M/Y LEYMOR **ghas-servizzi ta' salvatagg*** (emfasi u sottolinear tal-Qorti) *pprovduti lill-bastiment M/Y LEYMOR.*
>
> *Dan l-ammont jinkludi l-ispejjez ghal taghmir illi intuza waqt l-istess operazzjoni, fosthom sitt (6) cilindri tal-arja u ghaxar (10) pakketti ta' absorbents pollution barriers". Madankollu, dan l-ammont ma jinkludix kumpens ghall-operazzjoni ta' salvatagg innifisha, mwettqa b'success mill-impjegati 'il fuq msemmija, hekk kif ahna tlabna biss **kumpens ghal-ispejjez inkorsi*** (emfasi u sottolinear tal-Qorti) *mill-kumpanija Sandy Yacht Marina Limited."*

8. Hekk ukoll fl-affidavit maħluf tagħha[5] **Giti Adibi Kajvari**, *marina manager* impjegata tar-rikorrenti, stqarret illi:

> *"The whole salvage operation took around four (4) hours to complete, and we finished at around 9.30pm. The Captain of the vessel thanked us for our help, and I also informed the owner that I shall be sending over our invoice for the services rendered.*
>
> *I issued the invoice dated the 29th April 2018 (hereby attached and marked as Doc B), for the sum of eleven thousand and eight hundred Euro (€11,800), covering the costs of the four (4) personnel involved in assisting in the salvage operation, together with the costs for any equipment purchased and used in the same operation, including six (6) air cylinders and ten (10) packs of absorbents pollution barriers. The amount indicated in this invoice only included the costs and expenses incurred during the salvage operation, as we did not charge the vessel any amounts representing compensation for the carrying out of the successful salvage*

[4] Fol 23
[5] Fol 24

*operation. I personally sent the invoice to the owner on the same day, that is on the 29th April 2018."*

9. Fix-xhieda tagħha però l-istess xhud meta mistoqsija mill-Qorti dwar kif ġiet ikkalkulata s-somma ta' għaxart elef euro (eskluż il-VAT) stqarret kif ġej:

> "*Usually we calculate by law ... thirty percent of the value of the boat...the value of the boat at that moment was one hundred and fifty thousand euro because he put it on the market for that price"*

Meta ġiet magħfusa fuq kif allura l-fattura tagħmel riferenza għal spejjeż bħaċ-ċilindri tal-arja, *pollution barriers* u x-xogħol ta' erba' persuni u bugħaddas hija tenniet illi ma tistax tagħti rendikont ta' kemm kienu dawn l-ispejjeż b'mod speċifiku għaliex kwalsiasi spejjeż inkorsi ġew inklużi fis-*salvage value* u dan irrispettivament minn kemm kienu jiswew.[6] Iktar tard però l-istess xhud intrabtet li f'seduta sussegwenti ġġib l-informazzjoni dwar kif il-kumpanija rikorrenti waslet għall-ammont mitlub minnha. Ġara però illi fis-seduta ta' wara x-xhud iddikjarat li ma kellha x'taqsam xejn mas-sezzjoni tal-*accounts* u għalhekk ma setgħetx tagħti informazzjoni apparti li qalet ukoll illi qatt ma kienet intrabtet li tagħti din l-informazzjoni!

10. Min-naħa tagħhom żewġ xhieda mressqa mill-bastiment intimat, ossia' **Lynsay Bryson**[7] (*deckhand* fuq il-bastiment) u **Jordan Morley**[8] (*skipper* fuq il-bastiment) it-tnejn sostnew fl-affidavit maħluf tagħhom illi:

> *"...this was definitely not a salvage operation because as I explained, Leymor was semi-submerged and it never hit the bottom. The actual operation was to prevent further water ingress into the engine compartment"*

11. Fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur il-bastiment intimat però ddikjara fost affarijiet oħra illi:

> *"...is-salvataġġ li seħħ fuq il-bastiment intimat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), fil-maġġjor parti tiegħu, sar minn rappreżentanti u staff tas-soċjeta esponenti, u għalhekk tali fattura maħruġa mill-istess soċjetà attrici (Dok A in atti) ma tista qatt tagħmel sens, u konsegwentement qed tiġi ampjament kontestata".*

[6] Fol 62T
[7] Fol 57
[8] Fol 59

12. Mill-provi inkluż ritratti esebiti jirriżulta tal-inqas fuq livell ta' *prima facie* illi l-bastiment kien qiegħed tabilħaqq f'periklu li jegħreq billi kien qiegħed imil fuq ġenb wieħed (*listing*) bl-ingress tal-ilma baħar. F'dan ir-rigward il-posizzjoni tal-bastiment intimat, ripetuta anke fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, hija illi din ma kienetx operazzjoni ta' salvataġġ għaliex (i) il-kumpanija rikorrenti kienet tenuta tagħti s-servizz li tat (ii) il-bastiment qatt ma kien f'periklu reali li jegħreq u (iii) s-suċċess tal-operazzjoni ma kienetx mertu biss tal-ħaddiema tal-kumpanija. **<u>Il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju m'għandiex tesprimi l-fehma tagħha</u>** fuq dan l-argument għaliex jekk tagħmel hekk tkun qed tinoltra ruħha mill-mertu tal-każ, xi ħaġa li mhijiex meħtieġa sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni tal-kompetenza o meno tal-Qorti.

13. Li hu żgur però huwa illi **<u>kemm mir-rikors promotur</u>** u **<u>kemm mir-risposta</u>** jirriżulta illi t-talba hija għal servizzi ta' salvataġġ. Huwa ċar ukoll, irrispettivament minn jekk it-talba hijiex għal spejjeż inkorsi fil-proċess tas-salvataġġ, hijiex għas-servizzi mogħtija matul is-salvataġġ jew hijiex bħala kumpens għas-salvataġġ innifsu, illi fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub huwa meqjus bħala *salvataġġ* f'għajnejn il-liġi u għalhekk ai termini tal-Art. 345(1) fuq imsemmi tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex u ma tistax tkun din il-Qorti illi (i) tiddeċiedi, wara li tagħmel analiżi tal-provi fil-mertu, jekk l-ammont mitlub huwiex dovut, jew (ii) tistabbilixxi dan l-ammont hija stess.

14. Wara kollox il-ġurisprudenza kostanti u kopjuża hija dik illi l-kompetenza tiddependi bilfors u unikament mit-talba tal-attur u f'ċertu każijiet anke mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut. F'dan il-każ kemm ir-rikors promotur u kemm ir-risposta jagħmlu riferenza għal *salvataġġ* u għalhekk il-Qorti hija tenuta tapplika d-disposizzjoni tal-Art. 774(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara *ex-officio* – anke sfortunatament f'dan l-istadju tardiv tal-kawża - li m'hijiex kompetenti li tisma' din il-vertenza.

15. Ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12:

> **'730. L-eċċezzjoni ta' <u>inkompetenza</u> jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.'**

16. Għalkemm l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti ma tqajjmitx mill-intimat fid-difiża tiegħu, din il-Qorti ssollevata *ex-officio* stante illi kwistjoni bħal din hija waħda ta' ordni pubbliku li tista' u anzi għandha titqajjem mill-Qorti *sua sponte* malli tiġi għall-attenzjoni tagħha anke jekk dan ikun fi stadju tardiv. Ġaladarba l-Qorti ndunat b'din il-kwistjoni proċedurali wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, hija

kienet tenuta li ma tissorprendix lill-partijiet u kien għalhekk li permezz tad-digriet *in camera* tagħha tal-1 ta' Settembru 2023 il-Qorti ppermettiet lill-istess partijiet jressqu provi u jittrattaw dwar l-eċċezzjoni.

17. Id-determinazzjoni ta' din l-eċċezzjoni timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex huwa evidenti li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa', ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Qorti tkompli tqis it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat.

18. Il-Qorti però tqis illi permezz tal-emendi li daħlu bis-saħħa tal-Att IV tal-2016 u l-Att XXXII tal-2018, l-Art. 741(b) jipprovdi illi meta l-Qorti tilqa' eċċezzjoni li l-kawża miġjuba quddiemha kellha tinġieb quddiem qorti diversa:

> **"il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:**
>
> **Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża".**

19. Għalhekk il-Qorti sejra għalhekk tapplika d-disposizzjonjiet tal-artikolu msemmi billi fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju titrasferixxi l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din tieħu konjizzjoni tal-kawża. Dan sejjer isir permezz ta' digriet *in camera* li ser jingħata kontestwalment ma' din is-sentenza.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi illi m'għandiex kompetenza *"ratione materiae"* sabiex tisma' din l-kawża li għandha minflok tinstema' mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. L-ispejjeż huma riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur